MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 710/2006

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Joseph Micallef**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz prezentat fit-28 ta’ Lulju, 2006 fejn is-socjeta` attrici tablet lill-konvenut Joseph Micallef jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tlett mija u tmienja liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm308.88) rapprezentanti f’ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma’ client contract number 1000460 fuq servizzi rezi ghax-xhur ta’ bejn Jannar u April, it-tnejn tas-sena 2005.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ivan Gatt ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut Joseph Micallef ihallas s-somma kif mitluba ta’ tlett mija u tmienja liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm308.88) bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Settembru, 2005 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------